malta biennale .art 2026

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

16 ta' Awwissu 2024

## JIBDEW IT-TĦEJJIJIET GĦALL-MALTABIENNALE 2026

### Tinħareġ sejħa għal direttur artistiku

It-tieni edizzjoni tal-maltabiennale.art se tkun qed issir bejn Marzu u Mejju tal-2026. It-tħejjijiet għal dan il-festival internazzjonali tal-arti kontemporanja imtella' minn Heritage Malta primarjament fis-siti u l-mużewijiet mħarsa minnha diġà bdew. Illum stess ħarġet sejħa lokali u internazzjonali għal direttur artistiku għal maltabiennale.art 2026. Aktar tagħrif dwar din is-sejħa jinsab fuq is-sit maltabiennale.art . Is-sejħa se tibqa' miftuħa sat-23 ta' Settembru 2024.

L-edizzjoni inawgurali tal-maltabiennale.art saret aktar kmieni din is-sena bejn Marzu u Mejju u laħqet livelli li ġew imfaħħra mill-midja internazzjonali. Il-maltabiennale.art 2024 kellu l-patrunaġġ kemm tal-President ta' Malta u kif ukoll tal-UNESCO. Iż-żmien magħżul biex matulu jittella' dan il-festival internazzjonali tal-arti huwa sinifikattiv fih innifsu, għaliex jiġbor fih taħlita ta' drawwiet, kultura u storja ta' Malta li flimkien mal-wirjiet tal-arti fil-maltabiennale, mifruxa ma' Malta u Għawdex, joffru esperjenza unika kemm għall-Maltin u kif ukoll għal min iżur pajjiżna. Din it-taħlita ġiet innutata saħansitra minn ġurnali u rivisti barranin li ddeskrivew lil Malta bħala waħda mill-aqwa destinazzjonijiet li wieħed għandu jżur matul il-maltabiennale.art.

Il-maltabiennale.art jittella' f'uħud mid-90 sit u mużew mħares minn Heritage Malta, f'bosta reġjuni mifruxa ma' Malta u Għawdex. Il-festival internazzjonali tal-arti kontemporanja huwa parti mill-viżjoni tal-aġenzija li l-mużewijiet tagħha jkunu iktar relevanti għall-udjenzi tas-seklu 21. "Permezz tal-arti kontemporanja li tiddiskuti temi kurrenti li qed iseħħu madwarna, il-mużewijiet li jkunu qed jospitaw il-biennale ma jibqgħux biss binjiet li jitkellmu dwar ilbieraħ. Bl-arti kontemporanja ninterpretaw mill-ġdid l-ilbieraħ, biex nifhmu iktar l-illum u nħarsu b'iktar fiduċja u ispirazzjoni lejn il-ġejjieni. B'dan il-mod, is-siti ta' Heritage Malta jieħdu ħajja oħra u joffru esperjenza aqwa," tenna Mario Cutajar, Chairman ta' Heritage Malta u President tal-maltabiennale.art.

Wara l-ħatra ta' direttur artistiku tal-maltabiennale.art 2026, u karigi ohra li s-sejħiet tagħhom se jkunu qed jinħarġu fiż-żmien li ġej, ser tinħareġ is-sejħa internazzjonali għal proposti artistiċi. It-tema ta' din it-tieni edizzjoni tal-maltabiennale.art se tkun qed titħabbar iktar 'il quddiem qabel is-sejħa għall-proposti artistiċi.

malta
biennale
.art 2026

# PRESS RELEASE

16th August 2024

## PREPARATIONS FOR MALTABIENNALE 2026 KICKSTARTED

### Call for artistic director issued

The second edition of maltabiennale.art will be taking place between March and May 2026. Preparations for this international contemporary art festival, organised by Heritage Malta primarily at the sites and museums it oversees, have already begun. Today a local and international call for the artistic director for maltabiennale.art 2026 was issued. More information about this call can be found on maltabiennale.art. The call will remain open until 23 September 2024.

The inaugural edition of maltabiennale.art took place earlier this year, between March and May, and reached levels that were praised by international media. The maltabiennale.art 2024 was granted the patronage of both the President of Malta and UNESCO. The chosen time for this international arts festival to be held in, is significant in itself, as it encompasses a mix of Maltese customs, culture and history which, together with the maltabiennale.art exhibitions, spread across Malta and Gozo, offer a unique experience for both Maltese and tourists. This mix has even been noticed by foreign newspapers and magazines which have described Malta as one of the best destinations to visit during the maltabiennale.art.

The maltabiennale.art is housed in some of the 90 museums protected by Heritage Malta, in many regions spread across Malta and Gozo. The international festival of contemporary art is part of the agency's vision for its museums to be more relevant to 21st century audiences. "Through contemporary art that discusses current themes taking place around us, museums hosting the biennale are no longer just buildings talking about yesterday. With contemporary art we reinterpret yesterday, to better understand today and look more confidently and inspirationally towards the future. In this way, Heritage Malta's sites take another life and offer a better experience," said Mario Cutajar, Chairman of Heritage Malta and President of maltabiennale.art.

Following the appointment of an artistic director for maltabiennale.art 2026, and other posts whose calls will be issued in due course, the international call for artistic proposals will be issued. The theme of this second edition of maltabiennale.art shall be announced later, in advance of the call for artistic proposals.